# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 6 – IL-ĦAMIS 4 TA' LULJU 2013

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier (wasal fl-10:15pm) |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Ma kienx hemm persuni mill-pubbliku jattendu.

Is-SE infurmat li l-Kunsillier Mifsud kien informa li se jasal tard minħabba li kellu jattendi għal attività fil-lokalità ta' Pembroke bħala President tar-Reġjun.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 5

1.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 5 ġew approvati unanimament mingħajr emendi u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 2.9, l-*angle* ma twaħlitx għaliex ir-resident talab li jitkellem mas-Sindku. Is-Sindku informa li kien se jieħu ħsieb ikellem lil dan ir-resident mill-aktar fis possibbli.

2.2 Fir-rigward ta' para. 2.13, is-SE infurmat li l-ittra ta' Triq l-Orkidea kienet saret u r-residenti ngħataw sas-26 ta' Lulju biex jagħtu risposta.

2.3 Fir-rigward ta' para. 2.14 kienet intbagħtet risposta mill-avukat fejn infurmajna li l-Kunsill kien beħsiebu jagħmel *railing* li m'għandux itellef l-ilma tax-xita u lanqas lir-residenti milli jgħaddu u s'issa ma kien hemm l-ebda risposta lura. Kien hemm qbil għaldaqstant li r-*railing* għandu jsir.

2.4 Is-SE infurmat li parti mill-ħajt fi Triq l-Anzjani kien twaqqa' biex jitneħħa l-periklu maġġuri iżda minħabba li l-*bobcat* ma setgħax jerġa' jintbagħat qabel 3 ġimgħat wara, il-kuntrattur kien tqabbad ikompli x-xogħol. Dan ix-xogħol kien se jiswa €1,100.

2.5 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 3.2, kien sar ilqugħ biex ma jsirux aktar abbużi.

2.6 Fir-rigward ta' para. 3.3, is-SE infurmat li kienu saru l-arranġamenti kollha, fosthom ukoll mal-kennies li wiegħed li jiġi jnaddaf wara l-attività.

2.7 Is-SE infurmat li l-ittra lir-residenti fir-rigward tas-sottokumitati kienet saret iżda għadha ma ntbagħtitx minħabba li s-Sindku kien qed jivverifika xi punti ma' xi Sindki oħrajn.

2.8 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 6.1, kienet saret il-laqgħa mas-CEO fejn kienu attendew hi u l-Viċi Sindku. Huma infurmaw li s-CEO kien wiegħed li jagħti risposti lura dwar id-diversi punti li kellmuh fuqhom però sal-ġurnata ma kien għadu ntbagħat xejn. Hawnhekk is-SE infurmat li fir-rigward tal-problema bl-elettriku fi Triq Gregorio Caraffa, hija kienet reġgħet ġibdet l-attenzjoni tas-CEO u bagħtitlu wkoll numru ta' *reminders* biex jifhem l-urġenza tal-każ. Hawnhekk il-Kunsillier Vella ssuġġerixxa li kemm-il darba l-Kunsill jibqa' ma jkollux risposta definittiva, għandu jmur direttament għand il-Ministru Coleiro Preca.

2.9 Fir-rigward ta' para. 8, is-SE ġibdet l-attenzjoni li kienu biss sitta mit-tlettax-il bidwi li aċċettaw li jgħinu finanzjarjament lill-Kunsill sabiex issir Triq San Alessi. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li s-SE għandha tinforma lill-bdiewa kollha kif ukoll lill-MAGF li dan il-proġett kien twaqqa'.

2.10 Is-SE infurmat li kienet kitbet lil TM dwar is-sinjali doppji msemmija f'para. 10.9 iżda kienet għadha bla risposta.

2.11 Hawnhekk is-SE infurmat ukoll li kienet iltaqgħat mal-Perit Cassar rigward id-diżlivell fi Triq l-Imtarfa u din kienet wegħdet li se jintbagħtu xi *surveyors* biex jivverifikaw il-livelli. Is-SE infurmat li r-residenta li toqgħod quddiem dan id-diżlivell kienet qed tallega li ż-żona ta' quddiemha kienet proprjetà tagħha u li TM ma kellhomx dritt li jagħmlu l-asfalt fuqha.

2.12 Is-SE infurmat ukoll li kienet ħadet lill-Perit Cassar tara l-pont ta' bejn l-Imtarfa u l-Imdina minħabba li kien hemm periklu għaliex partijiet mir-*railing* qed jiġġarrfu. Hija infurmat li l-għada kienet se tibgħat lill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex ineħħu l-periklu fuq in-naħa tal-lokalità tal-Imtarfa filwaqt li kienet ġibdet ukoll l-attenzjoni tal-Kunsill tar-Rabat dwar il-periklu fil-parti tagħhom. Kien hemm qbil li għandha tibgħat korrispondenza uffiċjali lis-CEO ta' TM sabiex tiġbidlu l-attenzjoni li hemm dan il-periklu.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa kienet intbagħtet kommunikazzjoni oħra lill-Bank of Valletta sabiex tiġi installata ATM fl-Imtarfa u li hu kien se jkompli jsegwiha.

3.2 Is-Sindku staqsa lis-SE fiex kienu waslu x-xogħlijiet tal-Awtorità tad-Djar. Hija infurmat li kienu għaddejja l-aħħar xogħlijiet fuq l-arkati bejn il-*barracks* filwaqt li kienu qed jitlestew l-aħħar xogħlijiet żgħar fuq il-parkeġġi.

3.3 Fir-rigward taż-żona li tnaddfet riċentament ta' bejn l-arblu tal-BFBS u l-Imtarfa Drama Group, is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jekk għandhom xi suġġerimenti dwar kif tista' tiġi żviluppata din iż-żona, huma għandhom iwassluhom il-Kunsill biex jiġu diskussi. Huwa qal li s-suġġeriment tiegħu hu li l-Kunsill ikellem lis-Segretarju Parlamentari għall-Isport, l-Onor. Stefan Buontempo, sabiex possibbilment isir proġett b'piċċ tal-boċċi f'din iż-żona. Il-Kunsillier Fenech issuġġerixxa li jsir *open air gym*. Is-Sindku qabel li din ukoll tista' tkun idea tajba għalkemm kellu fi ħsiebu li *open air gym* seta' jiġi inkorporat ma' żvilupp ieħor li kellu f'moħħu għaż-żona tal-Karnival. Huwa informa wkoll li kienet intbagħtet ittra lill-Onorevoli Herrera sabiex possibbilment iż-żona tal-Karnival tiġi riġenerata mill-Gvern Ċentrali.

3.4 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jorganizza attività sajfija bħal *boat trip* flgħaxija għall-familja kollha. Is-SE għandha ssib data li ma taħbatx ma' xi attività oħra organizzata minn xi entità mill-Imtarfa.

3.5 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li issa li l-Kunsill għandu s-servizz ta' perit, is-SE għandha tkellmu sabiex isiru spezzjonijiet fi Triq is-27 ta' April fejn hemm problema tal-ilma, fejn il-*bus shelter* fi Triq Sir Leslie Rundle, u l-problema fi Triq in-Narċis.

3.6 Is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-Onor. Ian Borg dwar il-possibbiltà li xi żgħażagħ mil-lokalità jibbenefikaw minn skemi ewropej għal *youth/student exchanges*.

3.7 Is-SE infurmat li kienet irċeviet korrispondenza mingħand il-PCRB fir-rigward tal-appell tal-offerta tal-iskart fejn il-Kunsill qed jintalab jattendi għal seduta nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju. Is-SE infurmat li kien importanti li l-Kunsilliera tal-leġiżlatura preċedenti jattendu minħabba li kienu huma li ħadu d-deċiżjoni. Min-naħa l-oħra jidher li ħadd mill-ħames persuni li kienu fil-Kunsill ma seta' jattendi għal din is-seduta. Kien hemm qbil li s-SE għandha tivverifika jekk dan l-appell jistax jiġi pospost. Jekk le, għandhom jattendu s-SE u l-avukat tal-Kunsill.

3.8 Is-SE infurmat li t-TCTC kienu se jagħtu bidu għal numru ta' korsijiet tal-IT fis-Sala tal-kunsill matul is-Sajf.

3.9 Is-SE infurmat li l-HSBC kienet aċċettat li tisponsorja żewġ tabelli ta' Merħba fil-lokalità. Kien hemm qbil li dawn għandhom ikunu dik ta' Triq il-Kavallier Bonello u l-oħra dik ta' viċin ir-rawndebawt tan-Nigret.

3.10 Is-SE infurmat li kienet reġgħet irċeviet kommunikazzjoni mingħand il-kunsill ta' Otricoli fl-Italja li kien interessat jagħmel ġemellaġġ mal-lokalità tal-Imtarfa. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa' juri l-interess tiegħu u jekk ikun hemm qbil isiru l-arranġamenti biex issir żjara. Sadanittant fil-ġimgħat li ġejjin kienet se tinzamm laqgħa mal-MEUSAC fejn il-Kunsill seta' jisplora wkoll il-possibbiltà ta' fondi għal attivitajiet simili.

3.11 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni fejn il-Kunsill qed jiġi offrut li jingħata numru ta'siġar mill-Ministeru tal-Ambjent. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jissuġġerixxi li jinżergħu xi siġar fi Triq is-27 ta' April.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Ġunju. Kopja tiegħu hija annessa.

4.2 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u s-SE.

4.3 Hawnhekk is-SE infurmat li l-eks Sindku, is-Sur Anton Mifsud, kien għadda l-aħħar pagament li kien fadallu sabiex issa kopra s-somma kollha li kellu jirrifondi lill-Kunsill bħala parti mir-rifużjoni tas-Sindki.

## 5. ĦINIJIET TA' XOGĦOL TAL-ĦADDIEMA

5.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-iskrivan kien innota li qed jaħdem aktar sigħat milli suppost bil-ħinijiet li kellu. Għaldaqstant kien qed jiġi ssuġġerit li l-ħinijiet tas-sajf jitnaqqsu għal 7 sigħat mis-7:30am sas-2:30pm. Il-Kunsill qabel mal-proposta iżda fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tivverifika mal-iskrivan jekk minflok fis-7:30am jistax jiftaħ fis-7:15am.

## 6. KORS DWAR IL-FINANZI U L-*ACCOUNTS*

6.1 Is-SE infurmat li kienet applikat għal kors dwar l-*Accounts* u l-Finanzi tal-Kunsill mal-ANSEK u kienet qed titlob lill-Kunsill biex jirrifondi lura s-somma ta' €60 għal dan il-kors. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 7. MEMO 14/2013 – PERMESSI TAL-KREJNIJIET *ONLINE*

7.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li d-Dipartiment kien informa li kienet se ssir sistema għall-permessi tal-krejnijiet *online* u għaldaqstant kull Kunsill kellu jiftaħ *merchant account* mal-BOV u mal-HSBC sabiex ikunu jistgħu jiġu proċessati pagamenti *online*.

## 8. MIŻURA 125 – GĦOTI TA' KONKOS FI TRIQ SAN ALESSI

8.1 Kif kien issemma aktar qabel, il-Kunsill qabel li l-applikazzjoni għall-għoti ta' konkos fi Triq San Alessi għandha titwaqqa'.

## 9. PROĠETT TAL-*PARKING* FI TRIQ SAN DAVID

9.1 Is-SE infurmat li l-proġett kien wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu u kellu jkun lest kompletament sal-aħħar tax-xahar. Hija infurmat li l-perit kien ġibed l-attenzjoni għal xi nuqqasijiet li kienu saru mill-kuntrattur iżda eventwalment kollox kien sar skont il-pjanta.

## 10. ILMENTI MRESSQA MIS-SE

10.1 Is-SE għaddiet lista b'numru ta' lmenti sabiex jiġu deċiżi mill-Kunsill.

10.2 Kopja ta' din il-lista bid-deċiżjonijiet li ttieħdu qed tiġi mehmuża.

## 11. PUNTI OĦRA

11.1 Il-Viċi Sindku informa li kien ġie avviċinat miż-żewġ voluntiera li jieħdu ħsieb l-arloġġ fejn dawn infurmawh li kien qed jidħol l-ilma mis-saqaf tal-arloġġ u għaldaqstant talbu li ssir xi manutenzjoni. Kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel spezzjoni fuq is-sit mal-Perit tal-Kunsill sabiex possibbilment tinstab soluzzjoni għal din il-problema.

11.2 Hawnhekk is-Sindku ġibed l-attenzjoni wkoll għall-fatt li wieħed mill-kwadranti tal-istess arloġġ kien qed jiċċaqlaq ħafna meta jkun ir-riħ u għaldaqstant il-Perit għandu jara x'jista' jsir dwaru wkoll.

11.3 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku, kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat kommunikazzjoni oħra lis-CEO tal-Awtorità tad-Djar dwar is-sitwazzjoni tal-garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa.

11.4 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa mas-Sur Mario Camilleri dwar l-attività nazzjonali li se tinżamm f'Ottubru, Military Mtarfa.

11.5 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien l-10:15pm.

11.6 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li l-iskrivan tal-Kunsill għandu jibda jgħin lis-SE sabiex isiru spezzjonijiet fuq barra. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li spezzjonijiet ma kinux fuq l-ispeċifikazzjonijiet tal-iskrivani iżda kemm-il darba huwa jaċċetta, hi ma kellhiex oġġezzjoni li joħroġ għal massimu ta' siegħa kull darba u sakemm ikun bil-permess tagħha.

11.7 Il-Kunsillier Bugeja skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien l-10:30pm.

11.8 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta minn TM dwar it-talba għal kaxxa safra fi Triq Sir Leslie Rundle, is-SE infurmat li ma kinitx tiftakar. Għaldaqstant hija kienet se tivverifika u tgħaddilu kopja tal-korrispondenza li kien hemm.

11.9 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar x'ġara mis-sistema tal-*parking for residents only*, is-SE fakkret li żewġ laqgħat qabel, il-Kunsill kien iddeċieda li għandu jibgħat ittra lir-residenti ta' dawn iż-żoni sabiex jinfurmahom li l-Onor. Herrera kien waqqaf l-iskema b'mod temporanju.

11.10 Fuq talba tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li b'mod regolari għandha tibda tintbagħat lista tax-xogħlijiet li jkunu saru mill-ħaddiema tal-IPSL lil kull Kunsillier.

11.11 Il-Kunsillier Fenech ġibed l-attenzjoni li kien innota li l-latrini baqgħu miftuħa matul il-lejl fuq żewġ okkażjonijiet. Kien hemm qbil li s-SE għandha tiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

11.12 Il-Kunsillier Mifsud staqsa fejn kien wasal id-dawl għall-monument. Is-SE fakkret li xi żmien qabel il-Kunsill kien iddeċieda li għandu jistenna sakemm ikollu s-servizz ta' perit sabiex jgħin fl-ifformular tad-dokumenti tal-offerta/kwotazzjoni pubblika. Għaldaqstant hija infurmat li issa li l-Kunsill kellu dan is-servizz hija kienet se ssemmi dan ix-xogħol lill-Perit waqt l-ewwel spezzjoni li jkollha miegħu. Sadanittant infurmat ukoll li fil-preżent kienet qed tinġabar lista ta' xogħlijiet li kienu ġew approvati mill-Kunsill sabiex jiġi indikat minnhom f'liema prijorità jixtiequ li jsiru.

11.13 Fuq talba tal-Kunsillier Fenech, kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat kopja tal-kwotazzjonijiet li ġabet għall-bini ta' ħajt fi Triq l-Anzjani.

11.14 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Mifsud dwar ir-refurbishment tal-uffiċini, is-SE talbet lill-Kunsill jikkunsidra sabiex minflok tinħareġ kwotazzjoni, il-Kunsill jagħmel dan ix-xogħol permezz tal-perit tiegħu li kien kwalifikat ukoll fl-*interior design* u għaldaqstant il-Kunsill ma jkunx kommess li jagħmel ix-xogħol f'daqqa iżda jkun jista' jagħmlu fuq perjodu ta' żmien. Il-Kunsill kollu qabel ma' dan is-suġġeriment.

11.15 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar il-funtani, is-SE infurmat li kienet saret il-manutenzjoni neċessarja fuqhom iżda kienet qed tistenna li wieħed mill-ħaddiema tal-IPSL jagħmel ilqugħ għall-pompa qabel ma jimtlew bl-ilma. Hija qalet li dan l-ilqugħ kellu jgħin biex jekk jerġgħu jintefgħu l-ħut, il-pompa ma tiġġammjax filwaqt li żżomm milli wieħed jipprova jagħmel xi vandaliżmu.

**12. AĠĠORNAMENT**

12.1 Il-laqgħa spiċċat fil-10:45pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar l-Erbgħa 31 ta' Lulju fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Daniel John Attard**<br>**Sindku** |